# IL-GĦANA F'ĦALQ IL-MALTI

*(Jissokta ma ta' qabel)*

Il-Malti b'moħħu u b'qalbu mhux għana ta' mħabba biss jaf jislet, imma wkoll għana li bih inigges, jolqot fil-laħam il-ħaj, ingħidu aħna, xi xebba mkabbra li ma jogħġobhiex titħallat miegħu. Xejn ma jrid iż-żagħżugħ Malti biex minn din ix-xebba hu jitħallas b'din il-għanja.

"O lilek tal-gallerija
Idħol ġewwa aħseb dnubietek!
Ħutek koroħ kolla żżewġu
Int sabiħa ħadd ma riedek!"

Ma din inżidu għanja oħra; mhux daqsha qarsa, imma li tidrob ħafna lill-mara, dik li ħajjietha kollha, sa ma xgħarha jibjad, tfittex lil min ifaħħarha għal sbuħitha.

"Dik xuxtek la bambinella,
Mixħuta wara spallejk,
Xejn taħseb li jien irridek
Għax tarani nħares lejk!"

Issa nisimgħu għanja oħra ta' xebba sabiħa, midruba f'imħabbitha, li mitlufa f'demmha, tgħanni.

"Narraħ min kisirli qalbi
B'ħobż u ilma ma jixbax;
Jinxteħet ġo qiegħ ta' sodda,
Lejn wiċċi ma jħares ħadd!"

Jew din li ġejja:

"Narraħ min kisirli qalbi,
Joħduh b'seba kataletti.
L-imħadda tal-imsiemer!
Is-saqqu tal-istalletti!"

Żewġ għanjiet tas-sew koroħ fil-ħjiel, fix-xewqa li jfissru; żewġ għanjiet ta' xebba li daħku biha u li issa xejn ma tistor lil min ħaqarha, imma tagħmel ħabar, flejtu, biex kullħadd ikun jaf kif hi b'ħalqha titħallas minn min ħaqarha. Jekk ta' ftit siwi huma dawn il-għanjiet li jiena ġibt hawn, għal inqas huma jiswew biex juruna s-saħħa tal-għanja Maltija meta trid tfisser tqanqil ikraħ tal-qalb. Bil-għanja Maltija kull ħiel, kull ma jolqot il-qalb, jista' jitfisser.

Il-għanja tal-mibgħeda jew saħta ma tinstemax wisq f'artna; fejn id-Dîn nisrani jista' bl-akbar qawwa fuq kull tqanqil tal-qalb Maltija. Inħallu għalhekk il-għana tal-mibgħeda u mill-ġdid niġbru s-sagħtar, il-plejju u l-għasel mill-widien ta' Malta.

Inġibu quddiem għajnejna xbejba sabiħa; sniena bojod silġ, xoftejn ħomor, irqaq u żewġ għajnejn suwed li jdawlu wiċċ smajjar, imfaqqa', ħaddejn imfawra bil-lewn tas-saħħa. Nilmħuha tixxerref fit-tieqa biex tagħmel il-qalb lill-maħbub tagħha, li q'ed igħannilha waħdu, fejn il-ġnien ta' missierha jarmi dell iswed ma' tulek tliet darbiet. Hu jgħanni. Leħnu jogħla, u l-għanja toħroġ bħal għajta ferħana, miżmuma ż-żejjed ġo qalbu.

"Wiċċ ix-xemx meta tisponta,
Għajnejn il-kwiekeb ġerrejja,
Jew int sabiħa minnek
Inklelè jarawk għajnejja.

Għanja hi din li fiha xbihat sbieħ li fl-idejn ta' wieħed tassengħa jistgħu jintisġu f'għana ieħor, maħdum aħjar, imżewwaq aktar.

Għanja oħra li turina kif ix-xebba Maltija taf tħobb b'imħabba safja, mhux biss fil-ġid, imma fil-ħemm ukoll, hi din li ġejja:

"Ħanini kalżrat fl-Imdina
Jien tlabt l'omni, mort narah;
Jien minn barra, u minn ġewwa
B'xi kelma nikkonsolah".

Fl-aħħar, qabel nagħlaq, irrid hawn niġbor għanja oħra, kif nifhem jien, isbaħ mill-għana li ġibt. Għanja ta' wieħed li, mbikki, jati ħarsa lejn iż-żmien l-imgħoddi; jara kif kollox jintemm u jitħarbat, u wrajh ma' jħallix ħlief demgħa u tnehida.

"Fejnu żmienek, ja ħerba!
Kont imdawra bil-lellux,
Ħitanek kollha waqgħu,
Ġejt imdawra bil-bebbux!"

Kemm il-darba, ja mara fqira, imsawta, bil-ġuħ, smajtek tgħanniha din il-għanja, b'qasma ta' qalb! Ix-xbubija li ħarbet! Il-mewt u l-għaks!

* * *

Għanni, ja Malti, għax ismek hu għanja minsuġa fi ġrajjiet artek; għanni l-imħabba; is-sbuħija; ix-xbubija u kulma jati ħajja u kburija, lill-ħolm ta' ħajtek. U sakemm xi ħadd jagħraf x'taf tgħid qalbek fil-għanja tiegħek, mhux għalxejn tkun għannejt inti; mhux għalxejn il-widien jisirqulek il-għajta ta' qalbek, u jxerduha mar-raħal fejn tgħix dik li inti tħobb!

Ġużè Aquilina.